# *FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR*
# *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

## *GUDIKATUR: DR EDWINA GRIMA, LL.D.*

## *Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju, 2002*

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 1392/02 EG**

**Norbert Camilleri**

**vs**

**Simon Zammit f'ismu u ghan-nom ta' S&D Construction Co.Ltd.**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut proprio et nomine jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) rappresentanti depozitu imhallas mill-attur lill-konvenut sabiex jezegwixxi xogholijiet fil-fond proprjeta' ta' l-attur, liema ftehim ta' appalt gie terminat permezz ta' ittra ufficjali datata 2 ta' April 2002 stante illi tali xogholijiet ma gewx ezegwiti entro l-perijodu miftiehem.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra interpellatorja datata 4 ta' Marzu 2002, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali datata 2 ta' April 2002 kontra l-konvenut proprio et nomine u bl-imghaxijiet legali kontra l-kovenut proprio et nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut proprio et nomine debitament notifikat, baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-attur, Norbert Camilleri li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ra d-dokumenti ezebiti mill-attur permezz ta' nota tat-3 ta' Lulju 2002, liema dokumenti huma mmarkati bhala Dokument  NC1, NC2 u NC3 konsistenti fil-kopja tal-ftehim bejn il-partijiet minn fejn jirrizulta illi l-attur hallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira (Lm250) bhala depozitu ghax-xoghol ta' l-appalt, kif ukoll l-ittra ufficjali li permezz taghha l-attur ittermina dan il-ftehim ta' l-appalt.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jhallas lill-attur s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza kif ukoll ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' April 2002

ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut proprio et. nomine skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**